



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2022

Politika agrikola tal-UE: il-potenzjal tal-big data ma jiġix sfruttat, fil-biċċa l-kbira

F'rapport illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qalet li l-Kummissjoni Ewropea ma ħaditx vantaġġ mill-potenzjal tal-big data għall-analizzar u għat-tfassil sussegwenti tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE. Għalkemm il-Kummissjoni żżomm volumi kbar ta' *data* li tkun rilevanti għat-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK, l-għodod u d-*data* attwali tagħha ma jipprovdux ċerta informazzjoni essenzjali li hija meħtieġa għat-tfassil ta' politika infurmata tajjeb fil-livell tal-UE. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed evidenza biex tivvaluta b'mod komprensiv il-ħtiġijiet u l-impatt tal-PAK.

Il-PAK tirrappreżenta aktar minn terz tal-baġit tal-UE – EUR 408 biljun bejn l-2014 u l-2020 – u tgħin lill-Kummissjoni tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri b'objettivi, ta' spiss relatati ma' xulxin, li jvarjaw minn żgurar tal-produzzjoni tal-ikel u tiżni tal-protezzjoni tal-ambjent sa żamma tal-għajxien tal-bdiewa u żvilupp taż-żoni rurali. Biex tiddetermina jekk l-istrumenti ta' politika tagħha jindirizzawx dawk l-objettivi b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni teħtieġ *data* minn firxa ta' sorsi biex tistabilixxi rabta kawżali bejn miżura tal-PAK u r-riżultati tagħha.

"Id-data hija l-bażi essenzjali ta' tfassil tajjeb tal-politika, u l-big data qed issir ukoll il-paragun ta' eċċellenza fl-agrikoltura," qalet Joëlle Elvinger, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. *"Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-analitika tad-data tagħha u tagħmel aktar biex tisfrutta l-potenzjal tal-big data għall-analizzar tal-PAK abbażi ta' evidenza wiesgħa."*

Il-Kummissjoni tħabbat wiċċha ma' xkiel biex tingqeda bl-aħjar mod mid-*data* li tasal mingħand il-pajjiżi tal-UE. Prinċipalment dan huwa minħabba li d-*data* rilevanti fi Stati Membri differenti mhijjex f'format standardizzat uniku, u b'hekk huwa aktar diffiċli li din tiġi kondiviża u li tintuża mill-ġdid. Il-Kummissjoni tħabbat wiċċha wkoll ma' restrizzjonijiet biex tikkombina *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli li tkun ġejja minn sorsi differenti minħabba li jonqsu ċerti sistemi li jkun jiffaċilitaw dan, bħal identifikatur uniku għall-azjendi agrikoli fl-UE kollha. L-Istati Membri jaggregaw ukoll b'mod eċċessiv id-*data* li huma jibagħtu lill-Kummissjoni, u dan jillimita l-valur li l-Kummissjoni tista' tiset minnha. Attwalment il-Kummissjoni lanqas ma tiġbor *data* suffiċjenti dwar l-inputs tal-biedja bħalma huma l-fertilizzanti u l-pestiċidi, jew dwar il-prattiki agrikoli b'impatt ambjentali. Għandha wkoll aċċess limitat għad-*data* tal-Istati Membri dwar l-azjendi agrikoli u n-negozji agrikoli, u dan jaġġmilha diffiċli li tittieħed ħarsa ġenerali dettaljata lejn id-distribuzzjoni tal-fondi tal-UE.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Biex tindirizza l-lakuni fid-*data*, tinqedha aħjar bid-*data* eżistenti u tissodisfa l-ħtiġijiet tal-PAK rigward *data*, il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi leġiżlattivi u inizjattivi oħra li jistgħu jikkontribwixxu għal analiżi aħjar tal-politika. Pereżempju, id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura (DĠ AGRI) tagħha qed jiżviluppa aktar il-possibiltajiet li fl-UE kollha jkun hemm kondiviżjoni ta' *data* spazjali li tkun ġejja mis-sistema amministrattiva prinċipali tal-UE għall-agricoltura (SIAC). Madankollu, id-DĠ AGRI għadu juża għodod konvenzjonali bħal spreadsheets biex janalizza manwalment id-*data* li jiġbor mingħand il-pajjiżi tal-UE u ma jużax tekniki tal-big data għall-estrazzjoni tat-test u l-estrazzjoni awtomatizzata. Barra minn hekk, ma għandu l-ebda għodda ta' proċessar awtomatizzat jew semiawtomatizzat għall-analiżar ta' din id-*data*, anki jekk l-analiżi tal-awdituri turi bil-provi li aktar awtomatizzazzjoni hija possibbli u li hemm benefiċċji potenzjali fis-sostituzzjoni ta' proċeduri manwali li jieħdu ħafna ħin.

L-awdituri jikkonkludu li hemm lok sinifikanti biex il-Kummissjoni tinkorpora analitika avvanzata kosteffettiva u għodod fis-sistemi tal-IT tagħha għall-ipproċessar awtomatizzat tal-informazzjoni, kif ukoll biex tinqedha aħjar bid-*data* għall-analizzar tal-politika. Barra minn hekk, ftit ħafna huma s-sistemi tal-IT ewlenin, użati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-PAK, li jużaw analitika predittiva jew preskrittiva biex jgħinu fil-fehim ta' x'se jiġri jew xi jrid isir biex dan jiġri. Dawn is-sistemi, kieku, jistgħu jintużaw għall-ippjanar jew għat-tfassil tal-politika.

Informazzjoni ġenerali

Globalment, l-organizzazzjonijiet qed jinqdew dejjem aktar bil-big data. L-agricoltura hija settur fejn l-innovazzjonijiet diġitali qed jiġu applikati dejjem aktar: id-*data* dwar l-azjendi agricoli fl-UE tinħoloq u tinġabar permezz ta' diversi mezzi, li jinkludu reġistri amministrattivi u sħarriġiet, apps tal-mowbajl, satelliti, droni, u makkinarju ta' preċiżjoni. Madankollu, il-big data hija kumplessa wisq u kbira wisq għal sistemi tradizzjonali tal-ipproċessar ta' *data*, u tirrikjedi għodod u qawwa komputazzjonali avvanzati.

Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni jitolbu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, li jfisser li d-deċiżjonijiet ta' politika jeħtieġ li jkunu bbażati fuq l-aħjar evidenza disponibbli. Politika bbażata fuq l-evidenza teħtieġ *data* rilevanti f'kull stadju taċ-ċiklu, mill-ippjanar u t-tfassil sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Politiki mmexxija mid-*data* jagħmluha possibbli li jkun hemm fehim aħjar tal-impatti ambjentali tal-agricoltura, li jitfasslu politiki mmirati, u li jintużaw sistemi ta' monitoraġġ immexxija mid-*data*.

Ir-Rapport Speċjali 16/2022, "*Data* fil-Politika Agrikola Komuni – Potenzjal mhux imwettaq tal-big data għall-evalwazzjonijiet tal-politika", huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu). Ir-rapport huwa rilevanti kemm għall-PAK li tibda fl-2023 kif ukoll għall-PAK ta' wara l-2027.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu – M: (+352) 621 552 224
- Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu – M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu – M: (+352) 691 553 547